**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Bezzina)**

**vs**

**Carmel Schembri**
**(ID 294466(M))**

**Illum, 14 ta’ Awwissu, 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carmel Schembri**, ta’ 55 sena, iben Joseph u Maria nee` Grima, imwieled iż-Żurrieq nhar it-12 ta’ April 1966, residenti ġewwa 3, *November Rain*, Vjal il-*Blue Grotto*, iż-Żurrieq u detentur tal-karta tal-identita` 294466M;

Akkużat talli fit-13 ta’ Awwissu, 2021, bejn is-14:00 u l-15:45, fix-Xatt ta’ *Qui-Si-Sana*, Tas-Sliema, u/jew inħawi oħra f’dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont ma jeċċedix l-ammont ta’ elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro,

u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Xylon Busuttil u/jew persuni oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li jidhrilha xierqa, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-istess eżami, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha, u dan wara li l-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat, li l-ammissjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri kienet waħda bikrija, u li kkopera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qed tqis ukoll in-natura tar-reat odjern, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll illi jidher li l-imputat għandu problema ta' droga. In oltre, tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti dwar piena ta' priġunerija effettiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Carmel Schembri** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għal żmien sentejn mil-lum.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni, taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal Sorveljanti, għall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba jikkommetti reat ieħor punibbli b'piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, kif ukoll kemm il-darba ma joqgħodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Tordna li vera kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat